# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

## SEDE KOSTITUZZJONALI

### IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Nru. 31/01 GV**

Doc. 257-02

**Francis X Aquilina**

**Vs**

**L-Avukat Generali u Emanuele J Aquilina u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1993 stante l-mewt ta' Lino Auilina l-atti gew trasfuzi f'isem Margaret armla minn Lino Aquilina f'isimha proprju u bhala, mandatarja verbalment kostitwita ta' bintha Emma Aquilina, kif ukoll Anthony, Edgar, Erminia Borg Testaferrata, Joseph, Helen u Gulia ahwa Aquilina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat ir-Rikors fejn ir-rikorrenti ppremetta:

Illi r-rikorrenti kien l-attur fil-kawza intavolata fl-ismijiet Francis X Aquilina kontra Emanuel Aquilina, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001 {enumerata 172/85};

Illi l-kawza kienet intavolata sabiex il-konvenut irodd lura hamsin fil-mija minn ammont ta' flus li kien indebitament approprija ruhu minnhom wara li kien biegh ta' stocks ta' kunserva li kienu proprjeta' in komuni bejniethom;

Illi fl-istadju tal-Appell l-attur kien sar jaf b'informazzjoni li biha hass kien fondamentali u determinanti li kellha tghin lig-Gudikanti sabiex jiddeciedu l-mertu tal-kawza. Kien ghalhekk li huwa ppresenta rikors fis-16 ta' Novembru, 1999 {fol. 121} fejn spjega b'mod dettaljat dak li kien ghadu kemm skopra. Cioe' li l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut fil-Prim Istanza kienet falza.

Illi l-attur permezz tar-rikors imsemmi kien talab lill-Onorabbli Qorti tawtorizah jippresenta dokumenti li jippruvaw dak allegat.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat li l-konvenut jigi notifikat bir-rikors imsemmi u tghatu tlett ijiem ghar-risposta {fol 123}.

Illi fis-6 ta' Dicembru l-Onorabbli Qorti ordnat li kellha bzonn ta' aktar elucidazzjoni sabiex tkun f'pozizzjoni tiddekreta dan l-istess rikors [fol. 124}.

L-istess verbal jinghad fis-17 ta' Jannar, 2000 (fol. 125);

Illi fil-15 ta' Mejju, 2000 l-Onorabbli Qorti kienet semghet lis-sottoskrit dwar ir-rikors imsemmi u kienet iddifferit il-kawza ghad-digriet (fol. 127);

Illi fit-30 ta' Marzu, 2001, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kien qabad u ddecieda l-kawza minghajr ma ddekreta dan ir-rikors odjern.

Illi l-fatt li l-Onorabbli Qorti ddecidiet il-mertu tal-kawza minghajr ma iddekretat dan ir-rikors importanti jilledi d-drittijiet fundamentali tal-attur odjern.

Illi ghalhekk is-sentenza tal-Appell fl-umili fehma tar-rikorrent jikkostitwixxi ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6. tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghtih ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara li s-sentenza fuq imsemmi jikkostitwixxi ksur ta’ dawk id-drittijiet u tirrevoka l-imsemmija sentenza.

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali a fol. 9 tal-process fejn espona:

1. Illi l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur in kwantu hu la qatt kellu interess guridiku u wisq anqas ippartecipa jew kien parti fil-kawza msemmija mir-rikorrent.

   Illi skond l-artikolu 181 (2) tal-Kap 12 l-esponenti Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti fejn dawn ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mid-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Issa fil-kaz tar-rikorrenti l-ebda dipartiment tal-Gvern ma kien involut fil-litigju u huwa risaput fid-dritt kostituzzjonali li l-gudikatura (u fil-kaz odjern il-Qorti ta’ l-Appell) hija indipendenti mill-ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala dipartiment tal-gvern.

   Fi kwalunkwe kaz huwa l-interess ta’ l-intimati l-ohra biss, cioe’ l-aventi kawza tad-*decuius* Emanuel Aquilina, li jiseddqu s-sentenza impunjata mir-rikorrent.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, ir-rikors ma jqajjem l-ebda kwistjoni kostituzzjonali billi hemm rimedji ordinarji ghal-lanjanzi tar-rikorrent ai termini ta’ l-

artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319. Jidher li r-rikorrent ma ntavolax kawza ghar-ritrattazzjoni, jekk hu l-kaz, u ghazel li jirrikorri ghar-rimedju inerentement straordinarju.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fir-rikors promotur qed isir tentattiv ta' appell tat-tielet istanza quddiem din il-Qorti. Qorti ta' gurisdizzjoni originali fit-twettieq tad-drittijiet fondamentali mhix Qorti ta' Kassazzjoni li tirrivedi l-konkluzjonijiet ta' tribunali nferjuri.

   Huwa manifest li r-rikorrenti qed ihalltu l-kuncett ta' "*favourable outcome*" ma' dak ta' "*fair hearing*". Sahansitra gie ribadit mill-organi ta' Strasbourg li disugwaljanza ta' entita' zghira li ma taffettwax l-imparzialita' (*fairness*) tal-proceduri fil-kumpless taghhom ma jilledix id-dritt fondamentali protett mill-artikolu 6 (V v Luxemborg 42 DR 86; Monnell Morris 2/3/1987 Series A No. 115 § 55 *et seq*.).

4. Illi r-rikors promotur huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat id-dIgriet taghha a fol. 7 fejn giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-process numru 172/85 fl-ismijiet Francis X Aquilina vs Emanuele Aquilina deciz fit-30 ta' Marzu, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**FATTI**

Illi bhala fatti jirrizulta li r-rikorrent kien appella minn kawza. Waqt is-smiegh ta' l-appell, kien ipprezenta rikors biex il-Qorti tawtorizzah

jipprezenta dokument li skond hu kien determinanti bhala prova fid-decizjoni tal-mertu ta' l-appell.

Illi l-Qorti ta' l-Appell kienet ordnat lill-appellat jigi notifikat bir-rikors imsemmi u taghtu zmien ghar-risposta (fol. 123). L-appell kien gie differit fis-6 ta' Dicembru billi l-Qorti kellha bzonn aktar zmien biex tkun f'posizzjoni li tiddekreta l-istess rikors (fol. 124). L-istess gara fis-17 ta' Jannar, 2000 (fol. 125). Fil-15 ta' Mejju, 2000 il-Qorti kienet semghet lid-difensur tar-rikorrent u ddifferit l-appell ghad-digriet fuq ir-rikors (fol. 127). Fis-6 ta' Ottubru, 2000 l-appell rega' gie differit biex jinghata d-digriet (fol. 132). Imbaghad fit-30 ta' Marzu, 2001 il-Qorti ta' l-Appell ddecidiet l-kawza fil-mertu minghajr ma ddekretat dan ir-rikors.

**DRITT GHAL SMIGH XIERAQ**

Ir-rikorrent ghalhekk qed jikkontendi li b'dan il-mod gie lez id-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovvdi li:

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*

Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovvdi li:

*(1) Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.*

*(2) Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time.*

*The key principle governing Article 6 guarantees is fairness. The notion of a fair trial is always to ensure or contribute to ensuring the fairness of the proceedings as a whole. (Guide to European Convention of Human Rights K. Reid).*

Hu principju stabilit li anke fl-istadju ta' appell, fejn dan id-dritt hu koncess, is-smiegh tal-kawza jrid ikun ukoll wiehed xieraq, biex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali.

Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza.

Illi fil-kaz in ezami, meta l-Qorti ta' l-Appell, iddedcidiet il-mertu, qabel ma ddekretat ir-rikors fejn ir-rikorrent talab li jezebixxi provi godda, marret, bi zball jew bi zvista, oltre dak li hi stess kienet iddikjarat li kellha tiddeciedi, skond id-diversi verbali fuq imsemmija.

Kif graw l-affarijiet ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-proceduri ma kienux xierqa (*fair*) u li r-rikorrent, allura appellant, ma nghatax smiegh xieraq. Ir-rikors prezentat mir-rikorrent setgha kien determinanti ghad-decizjoni fil-mertu ta' l-appell. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tghid li dan kien xi nuqqas procedurali insinifikanti, imma kien nuqqas li setgha kien determinanti.

**Eccezzjonijiet tal- intimat Avukat Generali.**

L-intimat Avukat Generali eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur.

Illi pero’ huwa f’kazijiet bhal dawn li hi necessarja l-presenza tal-Avukat Generali u dan kif provvdut fl-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 ghal kazijiet fejn minhabba n-natura tat-talba l-atti ma jkunx jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

L-intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju tar-ritrattazzjoni.

Bhala regola fil-kaz ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, hemm miftuh ir-rimedju tar-ritratttazzjoni. Li m’hemmx qbil pero’ huma jekk in-nuqqasijiet procedurali li minnu qed jilmenta r-rikorrent fl-istanza prezenti, kienux tali li jinkwadraw ruhhom f’xi wahda mis-subincizi ta’ l-artikolu 811 tal-Kap 12 u b’mod partikolari fis-subinciz (L) ta’ dak l-artikolu. Il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza L. Cuschieri vs Onor. Prim Ministru deciza fis-6 ta’ April, 1995 kienet ikkummentat *obiter* fis-sens li:

> “Ma jidhirx li r-rikorrent f’sitwazzjoni simili seta’ jirrikorri ghar-rimedju ta’ ritrattazzjoni u li ma kienx tant car illi wiehed seta’ jakkampa d-dritt ghal dan ir-rimedju f’kaz ta’ zball jew irregolarita’ ta’ din ix-xorta taht is-subinciz (L) jew xi subinciz iehor ta’ l-istess artikolu. Konsidrat li r-rimedju ta’ ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju u ta’ strettissima interpretazzjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li f’dan l-istat ta’ incertezza ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha biex tassigura smigh xieraq lir-rikorrent una volta mhux tant car jekk ir-rikorrent ezawriex jew le r-rimedji l-ohra miftuha ghalih taht il-ligi ordinarja.”

Ghalhekk il-Qorti mhiex qed tilqa’ din s-sottomissjoni tal-intimat.

**RIMEDJU**

Stabbilit li ghalhekk jirrizulta li kien hemm lezjoni ta' dritt, ghandu jinghata r-rimedju li l-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi. Ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li s-sentenza fuq imsemmija tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tieghu u tirrevoka l-imsemmija sentenza.

Fejn lezjoni tista' tigi rimedjata billi jigi annulat l-att li pprovokaha, u dan minghajr effetti negattivi, bhal per ezempju billi tohloq ingustizzja akbar, ma hemmx raguni ghaliex il-Qorti m'ghandiex tirrevoka s-sentenza, u tpoggi lill-partijiet fl-istess sitwazzjoni li kienu qabel ma sar l-att li pprovoka l-lezjoni kostituzzjonali (ara Sentenza Qorti Kostituzzjonali Gordon Agius vs Avukat Generali deciza fl-20 ta' Dicembru, 2000).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent, tiddikjara li s-sentenza fuq imsemmija tikkostitwixxi ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq, tirrevoka l-imsemmija sentenza, u tordna li l-kawza tintbaghat lura quddiem il-Qorti ta' l-Appell biex jigi dekretat ir-rikors tas-16 ta' Novembru, 1999 u eventwalment ghad-decizjoni fil-mertu.

Fic-cirkostanza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**